

31998R1197

11.6.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 166/1

**IR-REGOLAMENT (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1197/98  
tal-5 ta' Ġunju 1998**

**li jemenda Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 li jstabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura  
għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkonsidra t-Trattat li jstabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej;

*Artikolu 1*

Wara li kkonsidra il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikoli 13 u 23 tiegħu;

L-Artikolu 12a ta' Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 għandu jkun imħassar b'effett mill-jum ta' wara d-data li fiha l-likwidazzjoni ta' l-Istitut Monetarju Ewropew tkun kompluta.

*Artikolu 2*

Wara li kkonsidra il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Dan li ġej għandu jiddaħħal fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68:

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

(1) Billi l-Istitut Monetarju Ewropew ippreżenta opinjoni <sup>(3)</sup>;

*"L-Artikolu 12c*

(2) Billi l-Bank Ċentrali Ewropew huwa diġa stabbilit;

Dan ir-Regolament għandu jkun japplika għall-membri tal-Kunsill Governattiv u għall-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew, għal membri tal-persunal tiegħu u għal dawk li jirċievu l-pensjonijiet imħallsa mill-Bank li huma nklużi fil-kategoriji determinati mill-Kunsill skond l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 16 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward ta' salarji, pagi u emolumenti, u għall-penzjonijiet għal disabilità, irtirar u lil superstiti imħallsa mill-Bank."

(3) Billi huwa xieraq li tkun estiża l-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej, bit-termini u bi qbil mal-proċedura stabbilita fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 <sup>(4)</sup>, dwar is-salarji, il-pagi u l-emolumenti tal-Membri tal-Kunsill Governattiv u tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-persunal ta' dak il-bank; billi l-applikazzjoni ta' din it-taxxa għall-Istitut Monetarju Ewropew issir irrelevanti meta l-likwidazzjoni tal-Istitut tkun kompluta,

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jkun applikabbli mill-1 ta' Ġunju 1998.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

<sup>(1)</sup> ĠU C 118, tas-17.4.1998, p. 14.

<sup>(2)</sup> L-opinjoni mogħtija fit-28 ta' Mejju 1998 (li għadha ma ġietx ippublikata fil-ĠU Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> L-opinjoni mogħtija fis-6 t'April 1998 (li għadha ma ġietx ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(4)</sup> ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 8. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEFA, KE, Euratom) Nru 2190/97 (ĠU L. 301, tal-5.11.1997, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-5 ta' Ġunju 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. BROWN

---